

# IL-KUNSILL TAL-EWROPA

## GWARDJAN TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

TAQSIRA

COUNCIL OF EUROPE

CONSEIL DE L'EUROPE




## STATI MEMBRI

Albanija, Andorra, Armenja, Awstrija, Ażerbaijan, Belġju, Bosnja u Herżegovina, Bulgarija, Ċekja, Ċipru, Danimarka, Estonja, Finlandja, Franza, Ġermanja, Ġorġja, Greċja, Irlanda, Italja, Iżlanda, Kroazja, Latvja, Liechtenstein, Litwanja, Lussemburgu, Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, Moldova, Monaco, Montenegro, Norveġja, Olanda, Polonja, Portugal, Renju Unit, Rumanija, San Marino, Serbja, Repubblika Slovakka, Slovenja, Spanja, Svezja, Svizzera, Turkija, Ukrajina, Ungerija.

## PAJJIŻI OSSERVATURI

Ġappun, Kanada, Messiku, Santa Sede, Stati Uniti tal-Amerka.

## KWARTIERI U UFFIĊĊJI

Il-Kunsill tal-Ewropa għandu l-kwartieri tiegħu ġewwa Strasburgu. Iħaddem 2300 ruħ u għandu uffiċċji esterni u ta' kollegament f'organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn. Iċ-Ċentri Ewropej għaż-Żgħażagħ fi Strasburgu u f'Budapest joffru taħriġ għaż-Żgħażagħ fid-demokrazija u f'oqsma ta' drittijiet tal-bniedem.

## BAGIT

Il-bagit totali tal-Kunsill tal-Ewropa għas-sena 2024 huwa ta' 624,6 miljun Ewro u fil-parti kbira tiegħu huwa ffinanzjat mill-istati membri.



# IL-KUNSILL TAL-EWROPA



**Alain Berset**
*Segretarju Ġenerali*

**Il-Kunsill tal-Ewropa huwa l-organizzazzjoni ewlenija tal-kontinent dwar id-drittiijiet tal-bniedem.** Iħaddan 46 stat membru li jinkludu l-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropeja. L-istati membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropeja Għad-Drittijiet tal-Bniedem, li huwa trattat li l-għan tiegħu huwa l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt .

Il-Qorti Ewropeja Għad-Drittijiet tal-Bniedem tħares l-implementazzjoni tal-Konvenzjoni mill-istati membri. Individwi jistgħu iressqu lmenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem quddiem il-Qorti ta' Strasburgu ġaladarba it-toroq kollha ta' appell ikunu ġew eżawriti fl-istat membru involut.

L-Unjoni Ewropeja qiegħda tħejji sabiex tiffirma il-Konvenzjoni Ewropeja Għad-Drittijiet tal-Bniedem, biex b'hekk jinħoloq spazju legali komuni u Ewropew ghal madwar 700 miljun cittadin.



# IL-ĦARSIEN TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM.

Il-Kunsill tal-Ewropa iħeġġeġ il-liberta' tal-espressjoni u tal-media, il-liberta' tal-assoċjazzjoni, l-ugwaljanza, u l-ħarsien tal-minoranzi. Nieda diversi kampanji dwar kwistjonijiet bħall-ħarsien tat-tfal, diskors ta' mibegħda li jsir online, u d-drittijiet tar-Roma, li huma l-akbar minoranza fl-Ewropa.

Il-Kunsill tal-Ewropa igħin lill-istati membri sabiex jiġġieldu l-korruzzjoni u t-terroriżmu, u sabiex jagħmlu r-riformi ġudizzjarji meħtieġa. Il-grupp ta' esperti kostituzzjonali fi ħdanu, magħruf bħala l-Kommissjoni ta' Venezja, joffri pariri legali lil pajjiżi madwar id-dinja.

Il-Kunsill tal-Ewropa jippromwovi id-drittijiet tal-bniedem permezz ta' konvenzjonijiet internazzjonali bhal per eżempju il-Konvenzjoni ghall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, u l-Konvenzjoni dwar is-Cybercrime (kriminalita' li titwettaq online). Igħasses il-progress li jagħmlu l-istati membri f'dawn l-oqsma u jagħmel rakkomandazzjonijiet permezz ta' korpi ta' esperti indipendenti ta' moniteraġġ.

Illum il-ġurnata lanqas wieħed mill-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa ma japplika l-piena kapitali.






# KO-OPERAZZJONI GLOBALI

## KORPI TA' MONITERAĠĠ

- Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO)
- Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u Trattament jew Kastig Inuman jew Degradanti (CPT)
- Grupp tal-Esperti dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA)
- Kummissjoni Ewropeja għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ)
- Kumitat tal-Esperti għall-Evalwazzjoni ta' Miżuri kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu (MONEYVAL)
- Kummissjoni Ewropeja kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI)
- Kumitat Ewropew għad-Drittijiet Soċjali (ECSR)
- Kumitat tal-Pariri dwar il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali
- Kumitat tal-Esperti dwar il-Karta Ewropeja għall-Ilsna Reġjonali u ta' Minoranzi.

Il-Kunsill tal-Ewropa jaħdem fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni Ewropeja u jikkopera mal-Ġnus Magħquda, mal-Organizazzjoni għas-Sigurta' u l-Ko-Operazzjoni fl-Ewropa, u ma bosta pajjiżi imsieħba madwar id-dinja.

Per eżempju, id-Direttorat Ewropew tal-Kunsill għall-Kwalita' fil-Medicini u fil-Kura tas-Saħħa, li għandu rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-mediċini foloz, għandu ftehimiet mal-Brażil, maċ-Ċina, mal-Afrika t'Isfel u mal-Istati Uniti.



# STRUTTURA

Barra mill-**Qorti Ewropeja Għad-Drittijiet tal-Bniedem**, il-Kunsill tal-Ewropa għandu bosta instituzzjonijiet ohra:

- Is-**Segretarju Ġenerali** immexxi u jirrappresenta il-Kunsill tal-Ewropa
- Il-**Kumitat tal-Ministri** magħmul mill-ministri għall-affarijiet barranin tal-istati membri u mir-rappresentati tagħhom jaġixxi bhala l-korp fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet.
- L-**Assembleja Parlamentari** tikkonsisti fi 612-il membru parlamentari minn 46 stat membru. L-Assembleja teleġi lis-Segretarju Ġenerali, lill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, u lill-Imħallfin tal-Qorti Ewropeja Għad-Drittijiet tal-Bniedem. Tipprovdi forum demokratiku għad-dibattitu u tgħasses l-elezzjonijiet. Il-kumitati tagħha għandhom rwol importanti fl-ezamina ta' kwistjonijiet attwali.
- Il-**Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem** minn rajh jindirizza u jirraporta każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.
- Il-**Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali** huwa responsabbli ghat-tisħiħ tad-demokrazija Lokali u Reġjonali. Iħaddan 612 rappresentant elett li jirrapprezentaw aktar minn 150,000 awtorita' Lokali u Reġjonali.
- Il-Konferenza ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali Mhux Governattivi tirrapprezenta s-soċjeta' ċivili u tippromwovi d-demokrazija parteċipattiva.



MLT

**Avenue de l'Europe • 67075 Strasbourg • FRANCE**

Visit our main website at
**www.coe.int**

Council of Europe publishing website
**book.coe.int**

Documentation and online resources website
**edoc.coe.int**

PREMS 059924 • 2024 © Council of Europe •
Photo credit : Council of Europe / Shutterstock • Graphic design: Les Explorateurs

Published by the Directorate of Communications